

Brussell, 23 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10816/26

RECH 290
MED 31
AGRI 522
MIGR 170
RELEX 863
RHJ 1

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	12478/24 + ADD 1
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-ftehim, fl-għamla ta' Skambju ta' Ittri, li jemenda u jissupplimenta l-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) - Adozzjoni

1. Fid-19 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar¹, kif ukoll proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni², fisem l-Unjoni Ewropea ta' ftehim fl-għamla ta' skambju ta' ittri li jemenda u jissupplimenta l-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA).

¹ 12476/24 + ADD 1

² 12478/24 + ADD 1

2. Fil-5 ta' Novembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar³ tal-ftehim biex jiġi emendat u ssupplimentat il-Ftehim. Fl-istess ħin, il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim biex jiġi emendat u ssupplimentat il-Ftehim kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 14284/24, flimkien mal-Ftehim innifsu⁴, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
3. Il-ftehim li jemenda u jissupplimenta l-Ftehim mar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan ġie ffirmat fis-7 ta' Lulju 2025.
4. Fis-17 ta' Diċembru 2025, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim biex jiġi emendat u ssupplimentat il-Ftehim.
5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim biex jiġi emendat u ssupplimentat il-Ftehim, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 14284/24.

³ 14277/24

⁴ 14289/24